fil-gazzetti dwar punti li jikkonċernaw il-Birgu. F'din il-ħarġa ta' L-Imnara għandu lista ta' laqmijiet ta' dik il-Belt.

## *APPREZZAMENT*

**Fis-6 ta' Awissu 2002 miet Rafel Bonnici Calì ta' 95 sena. Kien ilu membru fil-kumitat ta' l-Għaqda Maltija tal-Folklor sa minn mindu bdiet. Kien wera ħafna ħeġġa meta l-għaqda kienet organizzat tliet wirjiet folkloristiċi fis-snin sebgħin, waħda minnhom dwar l-*ex voto*, oħra dwar oġġetti folkloristiċi u għadd ta' tpinġijiet minn tiegħu, u l-oħra wirja dwar kostumi lokali.**

**Kien restawratur u pittur magħruf u għamel ħafna xogħolijiet ta' pittura fi knejjes u djar privati. Kemm-il darba qabbduh jagħti kulur lill-istatwi bħala parti mir-restawr tagħhom. Fis-snin għoxrin kien ukoll jagħmel xogħol ta' dekorazzjoni interna bi tpinġija mal-ħitan u s-soqfa, u kienu jqabbduh ukoll ipinġI l-ġnub tal-karrozzi tal-linja, kif kienet id-drawwa bejn iż-żewġ gwerer.**

**Kien kittieb popolari prolifiku u kien jikteb fil-gazzetti bil-Malti dwar l-arti u l-artisti, kif ukoll dwar l-istorja, l-aktar fejn jidħlu l-kavallieri. Kiteb bosta dwar id-drawwiet u t-tradizzjonijiet, u wkoll ktieb "Kitbiet imzewqa" (1987) (180 paġni).**

**Kien twieled Ħal Tarxien u tgħallem l-arti għand Giuseppe Calì. Għamel żmien jgħallem l-arti f'diversi skejjel tal-gvern. Fi żmien kien president tal-każin tal-Banda Annunzjata ta' Ħal Tarxien. Kien kavallier Tas-Soverign Military Order of St. John (Knights of Malta). Is-Society of Arts, Manufacture and Commerce ippreżentatu bil-Medalja tad-Deheb (1982). Saret wirja bix-xogħolijiet tiegħu fil-Mużew tal-Kattidral Fl_Imdina (1985).**



**Rafel Bonnici Calì**
*Ritratt 8-V-1985 waqt żjara Mill-Għaqda tal-Folklor fil-Mużew tal-Kattidral, Mdina.*

**Rappreżentanza tal-Kumitat ta' l-Għaqda Maltija tal-Folklor attendiet il-funeral tiegħu f'Ħal Tarxien u raddet il-kondoljanzi lill-familjari tiegħu. R.I.P.**